# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 27 ta' Gunju 2016**

**Rikors Numru : 1212/2015 JPG**
**Kawza Numru : 27**

**Alf Mizzi &Sons (Marketing)Ltd (C8692)**

**VS**

**Charles (657782M) u Elisabeth (88161M) konjugi Sammut**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd (C8692) tat-22 ta' Dicembru 2015, li jaqra hekk:

1. *"Illi l-intimati huma solidalment debituri tas-socjeta rikorrenti fis-somma ta' disgha u tletin elf u tlett mija u disgha u hamsin Ewo (€39,359) rapprezentanti in kwantu ghal-tmienja u tletin elf u disa' mija u sitt Euro (€38,906), il-prezz ta'*

*oggetti u merci mibjugha u debitament konsenjati u in kwantu ghall-erba' mija u tlieta u hamsin ewro (453 Euro) rapprezentanti l-valur ta' freezer mholli ghandhom u li ghadu ma giex ritornat u dan kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati AMSM 001-004;*

2. *Illi l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex jersqu ghall-hlas izda baqghu inadempienti u dan kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. AMSM 005;*

3. *Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (kap 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh stante itli, fil-fehma tas-societa rikorrenti, l-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjoni x'jaghtu kontra t-talbiet tas-societa rikorrenti;*

4. *IIli ghalhekk kellha ssir din il-kawza*

*Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi l-attrici titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jghogobha, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

1. *Tiddeciedi din il-kawza, bid-dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tikkundanna lill-intirnati solidalment li jhallsu lis-societa rikorrenti s-somma ta' disgha u tletin elf u tlett mija u disgha u hamsin Euro (€39,359) rapprezentanti in kwantu ghal-tmienja u tletin elf u disa'mija u sitt Euro (€38,906),il-prezz ta' oggetti u merci mibjugha u debitament konsenjati u in kwantu ghall-erba' mija u tlieta u hamsin euro (453 Euro) rapprezentanti l-valur ta' freezer debitament konsenjat lill-intimati;*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sa l-effettiv pagament kontra l-konvenuti li huma minn issa nguti ghas-subizzjoni;"*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-konjugi Charles u Elisabeth Sammut baqa’ kontumaci u meta ssejhet il-kawza fl-udjenza tal-llum u fl-udjenza tas-16 ta’ Gunju 2016, l-intimati ma dehrux;

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta’ Gunju 2016, Marvin Sapiano u Dr. Damian Degiorgio bil-gurament xhedet a fol . 5 u 37 rispettivament ikkonfermaw li s-somma ta' €39,359 mitluba fir-rikors promotur huma dovut lis-socjeta rikorrenti rapprezentanti in kwantu l-ammont ta' €38,906 bhala prezz ta' oggetti u merce mibjugha u kkonsenjata lill-intimati, u l-ammont ta' €453 rapprezentanti l-valur ta' freezer mholli ghand l-intimati li ghadu ma giex irritornat;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-Artikolu 167 et. sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Rat l-Artikoli 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’Malta;

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat illi minkejja li l-intimati gew debitament notifikati permezz tal-procedura tal-affissjoni u publikazzjoni huma qatt ma dehru quddiem din il-Qorti sabiex jirrispondu ghat-talbiet tas-socjeta rikorrenti.

**Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Promotur jirrizultaw ippruvati, taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi –**

Tilqa' t-talbiet tas-socjeta rikorrenti bid-dispenza tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kapitolu 12 u;

Tikkundanna lill-intimati solidalment ihallsu lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' disgha u tletin elf u tlett mija u disgha u hamsin Euro (€39,359), bl-imghax legali dekoribbli mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**